MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 105/2010

**Rainbow Turnkey Projects Limited**
(C 33348)
vs
**Joseph Mintoff**
(ID 2956M)

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat fil 25 ta' Marzu 2010 mis-socjeta rikorrenti Rainbow Turnkey Projets Limited fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut Joseph Mintoff ihallasha is-somma ta' tmint elef, mitjen u sebgha u tletin Euro u hamsa u tletin centezmu (€8,237.35) rappresentanti bilanc dovut lis-socjeta rikorrenti ghal xoghlijilet maghmulha mill-istess socjeta rikrorenti fid-dar residenzjali tal-intimat, fuq istruzzjonjiet tieghu u a beneficcju tieghu.

L-intimat, da parte tieghu, laqa' ghal tali talba billi, fit 8 ta' Gunju 2010, ippresenta eccezzjonijiet fejn,

preliminarjament eccepixxa n-nuqqas ta’ interess guridiku mas-socjeta rikorrenti filwaqt illi, fil-meritu, eccepixxa illi l-ammont ma huwiex dovut u, anke jekk kien dovut, it-talba hija esagerata u ghandha tigi ridotta.

Rat ix-xhieda ta’ **Charles Magro**, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, moghtija fl 10 ta’ Novembru 2010.

Rat ix-xhieda ta’ **Robert Magro**, supervisor u foreman tas-socjeta rikorrenti, moghtija fl 1 ta’ Marzu 2011 u dokumenti minnu esebiti.

Rat illi fit 2 ta’ Marzu 2012 il-provi rikorrenti gew dikjarati maghluqa.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joseph Mintoff** moghtija fil 25 ta’ Mejju 2012 u l-affidavit tieghu ippresentat dakinhar stess.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ **Robert Magro** u **Charles Magro** kif ukoll ta‘ **Joseph Mintoff**, lkoll moghtija fid 19 ta‘ Novembru 2012.

Rat illi fid-19 ta‘ Novembru 2012 il-partijiet iddikjaraw ili ma kellhom ebda provi ohra x’jippresentaw u il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti ghal 25 ta’ Marzu 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippresentata mis-socjeta rikorrenti fl-20 ta’ Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz in ezami, jidher illi l-intimat kien qabbad is-servizzi tas-socjeta attrici sabiex ilestulu dar illi huwa kien xtara gewwa l-Imgarr fi shell form. Wara li ddiskutew ix-xoghol li kellu jsir, sar quotation inzizzjali tax-xoghol u, ftit wara, s-socjeta rikorrenti bdiet bix-xoghlijiet.

Jidher illi inizjjalment is-socjeta rikorrenti kienet ser taghmel il-gypsum plastering tal-hitan izda

sussegwentement l-intimat kien gharrafha illi kien ser jiehu hsieb ta' dana huwa stess u ghalhekk ma kellhomx jaghmluh. Madanakollu, hekk kif kien ghaddej ix-xoghol, l-intimat qabbad lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmel aktar xoghlijiet fil-post sabiex dana jiltlesta, liema affarjiet ma kienux kkontemplati originalment fil-quote tas-socjeta rikorrenti.

Apparti minn hekk, f'mument minnhom, l-intimat, illi kien bi hsiebu jizboh il-post kollu hu, ma kienx f'pusizzjoni illi jaghmel dan minhabba f'problemi ta' sahha u ghalhekk qabbad lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmel dawna ix-xoghlijiet ukoll.

Meta eventwalment l-intimat kien fi stat illi jmur jikkonstata ix-xoghol illi kien qed isir, huwa mar fuq il-post sabiex jara kif kien sar ix-xoghol, u sab li x-xoghol kien ghadu lura. Is-socjeta rikorrenti, skond l-intimat, iggustifikat tali dewmien ghal fatt illi ma kienx qieghed ihallas. Huwa, madanakollu, sahaq maghhom illi kien ser ihallas dak dovut la darba jitlesta x-xoghol kollu.

Is-socjeta rikorrenti, da parte taghha, sahqet illi meta lestiet ix-xoghol kollu, ossija fil bidu tas-sena 2010, hija harget il-kont finali taghha datat 15 ta' Lulju 2009 (sic) u baghtitu lill-intimat illi, da parte tieghu, stqarr maghhom illi ma kienx qed jistenna li l-kont kien ser jitla daqshekk u ghalhekk talab illi jhallas il-kont ratealment.

Illi irrizulta ukoll, mill-provi prodotti, li l-intimat kien ghamel diversi pagamenti lis-socjeta rikorrenti, l-ahhar pagament sar fit 28 ta' Awissu 2009. Madanakollu, wara tali pagament, l-intimat ma ghamel ebda pagament iehor u ghalhekk is-socjeta rikorrenti bdiet il-proceduri odjerni ghal hlas tal-bilanc kollu, u kienu nehhew l-iskont tal-ghaxra fil-mija li kienu originalment offrew lill-intimat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tqis bhala totalment fiergha u vojta l-ewwel eccezzjoni imressqa mill-intimat

fejn sahaq illi huwa ma kellu ebda relazzjoni kummercjali mas-socjeta rikorrenti, peress illi fl-affidavit tieghu stess huwa jistqarr illi qabbad lis-socjeta rikorrenti sabiex taghmel ix-xogholijiet u dana huwa kkorroborat anke mill-ewwel kwotazzjoni mahruga mill-istess socjeta rikorrenti.

Illi, dwar il-meritu tal-kaz imbghad, fil-kaz in ezami, il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet tal-partijiet illi mbaghad ma humiex korroborati mid-dokumentazzjoni ippresentata. Di fatti, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi r-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, filwaqt illi jishaq li huma spiccaw ix-xoghol fil bidu tas-sena 2010 u li hargu il-kont wara li spiccaw tali xoghlijiet, ippresentaw il-kont finali taghhom datat 15 ta' Lulju 2009, jigifieri redatt ben qabel ma attwalment spicca x-xoghol. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax illi l-pagamenti illi skond l-intimat sar lejn l-ahhar ta' Awissu 2009 fl-ammont komplessiv ta' €6,000 tnizzel fil-kont datat 15 ta' Lulju 2009.

Dina hija turija cara illi l-kont datata 15 ta' Lulju 2009 certament ma huwiex korrett fil-kontenut tieghu, filwaqt illi certament jirrifletti x-xoghol illi attwalment sar mis-socjeta rikorrenti peress illi, a differenza tal-quotation originali taghha datata 2 ta' Frar 2009, ix-xoghol tal-Gypsum magiex inkluz. Il-Qorti, izda, ma tista ma tinnutax illi lill-intimat, fis 6 ta' Lulju 2009, intbghatlu kont illi fih kien hemm imnizzel l-iskont tal-10 fil mija li dwaru kien hemm mifteihem, haga illi imbghad ma kienetx imnizzlua fil-kont allegatament datata 15 ta' Lulju 2009.

Minn naha l-ohra, ghandu jinghad ukoll illi l-intimat kien zbaljat meta ippretenda illi l-installar tal-bathrooms kien inkluz fil-quote ta' 'tile laying' tal-appartament, peress illi hija haga ben saputa li l-konteggi tat-tqeghid tal-bathrooms u rati taghhom huma differenti minn dawk tal-appartamenti, u fil-quote originali ma kien hemm ebda referenza ghal bathrooms, haga li certament huwa inkariga lis-socjeta rikorrenti, kif del resto ammetta l-istess intimat fix-xhieda tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi kollha prodotta, jirrizulta illi hija ferm aktar veritjera il-verzjoni moghtija mis-socjeta rikorrenti illi l-intimat, meta ircieva l-ahhar kont, kien sorpriz mill-quantum tieghu peress illi ma ppretendiex li kien ser jiswa daqshekk, u dana kien dovut kemm ghal fatt illi s-socjeta rikrorenti ma kienetx tatu quote tax-xoghlijiet kollha dettaljati kif ukoll tan-nuqqas da parte tal-intimat illi jinsisti li jinghatalu quote tax-xoghol illi ser isirlu.

Hija ghalhekk sitwazzjoni li kienet dettata minn nuqqas da parte taz-zewgt partijiet, ghalkemm in-nuqqas principali jinpingi fuq l-intimat, izda tali nuqqas certament ma jaghtix ragun lis-socjeta rikorrenti illi tirtira l-offerta taghha li taghti ghaxra fil-mija bhala skont tax-xoghol, peress illi kieku s-socjeta rikorrent avzat minn qabel lill klijent taghha dwar l-ispejjez illi kien qieghed jinkorri, huwa certament kien ikun f’pusizzjoni ahjar illi jiggestixxi l-flus tieghu.

Tenut kont ta’ dana ir-ragunar, il-Qorti ser tghaddi biex tapplika l-iskont tal-ghaxra fil-mija fuq il-valur kollu tax-xoghol redatt a tenur tal-Dok RM3 esebit a fol 22/23 tal-process, u ghalhekk, tnaqqas il-kont finali minn €15,637.35 ghal €14,073.62 u li minnu imbghad jrid jitnaqqas il-pagamenti kollha maghmulha mill-intimat, ammontanti komplessivament ghal €7,400, li ghalhekk ihalli bilanc ta’ €6,673.62 dovuti lis-socjeta rikorrenti mill-intimat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ix-xhieda kollha prodotta u d-dokumentazzjoni kollha esebita quddiem din il-Qorti.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kawza billi

**Tichad** l-ewwel, tieni u raba eccezzjoni tal-intimat filwaqt illi tilqa' it-tielet eccezzjoni limitatament billi qieghda tnaqqas l-ammont pagabbli kif ser jigi stipulat aktar tard u

**Tilqa** t-talba attrici kif dedotta limitatament billi tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€6,673.62) bl-imghax mil 25 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament effettiv bhal hlas dovut ghal servizzi resi lill-intimat mis-socjeta rikorrenti fil-fond residenzjali tieghu gewwa l-Imgarr.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni u tal ittra ufficjali datata 18 ta' Dicembru 2009 ikunu a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------